**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sylvana Briffa)**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs.**

**Anthony Degabriele**
**Clint Degabriele**

Numru: 1287/2014

Illum 10 ta' Mejju 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta':

**Anthony Degabriele**, ta' sebgha u hamsin (57) sena, bin Consiglio u Paola neé Bonavia, imwieled Haz-Zabbar nhar l-10 ta' April 1957, residenti gewwa 25, Antrit, Triq il-Hortan, Marsaskala, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 275457(M)

u

**Clint Degabriele**, ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, bin Anthony u Rita neé Busuttil, imwieled Pietà, nhar is-16 ta' Lulju 1987, residenti gewwa 25, Antrit, Triq il-Hortan, Marsaskala, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 320087(M)

akkuzati talli nhar is-16 ta' Gunju 2013, gewwa Marsaskala u f'dawn il-Gzejjer:

1. bla ordni skont il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Larissa Tabone minn Marsaskala kontra l-volonta' taghha, liema arrest sar fuq il-persuna li Clint ghandu tarbija komuni maghha;

2. fl-istess data, lok u cirkostanzi, gabu ruhom b'tali mod li kkagunaw biza' lil Larissa Tabone minn Marsaskala u l-familjari taghha li ser tintuza vjolenza, meta huma kienu jafu jew misshom kienu jafu li, b'tali mgieba taghhom ser jikkagunaw lil haddiehor biza' u dan *ai termini* tal-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

<u>Lil Clint Degabriele akkuzat wahdu wkoll talli:</u>

3. nhar l-20 ta' Gunju 2013 u fix-xhur ta' qabel, gewwa dawn il-Gzejjer, bl-imgieba tieghu gab ruhu b'mod li ta fastidju li Larissa Tabone minn Marsaskala u b'mod li kien jaf jew kien imissu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal Larissa Tabone minn Marsaskala.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, barra li tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' Larissa Tabone u l-familja taghha.

Il-Qorti giet mitluba wkoll tohrog Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 7).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputati, l-imputati taw il-kunsens taghhom sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 10 u 11).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 59 *et seq.*).

Rat illi, fis-seduti tad-29 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 64) u tat-3 ta' Frar 2016 (*a fol.* 66), il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi, fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2017 (*a fol.* 89), l-imputati iddikjaraw li kienu ser jaghzlu li ma jixhdux f'dawn il-proceduri u li ma kellhomx provi xi jressqu.

Semghet, fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2017, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Semghet, fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2017, lid-difiza taghmel is-sottomissjonijiet finali taghha (*a fol.* 91).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Frar 2015, xehdet **Larissa Tabone** (*a fol.* 12 *et seq.*) fejn spjegat li fis-16 ta' Gunju 2012 ghall-habta tal-4.40pm hadet lit- tifla taghha ta' sena biex jarawha Clint Degabriele (missier it-tifla) u l-genituri tieghu, Anthony u Rita Degabriele. Tispjega li hekk kif waslet id-dar ta' Degabriele, il-genituri ta' Clint qabdu

argument magħha. Tgħid li Anthony u Rita qabdu jgħajjtu, it-tifla qabdet tibki u hi (Larissa) marret biex toħrog il-barra mill-bieb, il-bieb issakkar bic-cavetta min-naħa ta' ġewwa u meta hi marret biex tiftħu, Clint qala' c-ċwievet li kienu mal-bieb u ħadhom f'idu u b'hekk hi spiccat imsakkra u ma setgħetx toħroġ. Tgħid li ppruvat tiskappa, telgħet fil-kamra fuq f'liema ħin marru l-imputati u bdew joffenduha, u hi offendiethom lura. Tgħid li Anthony Degabriele pprova jerfa' idejh fuq wiċċha pero' Clint żammu u qalilha li jekk kienet ser iccempel lil missierha kien ser jagħtih daqqa ta' mus. Tispjega li kif rathom jinżlu, telgħet tigri fuq il-bejt fil-*washroom*, issakkret fiha u kif ħarġet fil-*washroom* rat lil Rita Degabriele, lil Clint u lil Anthony Busuttil (iz-ziju ta' Clint) isfel fil-parapett. Tixhed li minkejja li Anthony Busuttil qalilhom biex jiftħulha, l-imputati Degabriele xorta ma feħtulhiex. Tgħid li tefgħet landa tat-tlaħlieħ tal-ħwejjeġ minn fuq għal isfel fin-nofs ħalli xi ħadd jiftħilha pero ħadd ma feħtilha. Tgħid li ċemplet lil ommha Yvette Tabone u wara li waslet, fetħulha u niżlet bil-mod isfel, telgħet fil-vettura ta' ommha u telqet. Tgħid li ġiet mħedda kemm meta kienet isfel u kif ukoll meta telgħet fuq. Mistoqsija tgħid għala telgħet fil-*washroom*, wieġbet: *"għax bdejt nibża', wieħed jipprova jerfa' jdejh fuqi, l-ieħor qalli li jekk incempel lil missieri jagħtih daqqa ta' mus, tlajt nigri l-fuq u għalaqt il-washroom…"* (*a fol.* 16). Tgħid li għalqet il-*washroom* billi sakkritha bic-cavetta. Tixhed li waqt li kienet fuq il-bejt u bdiet tgħidilhon biex jiftħu, omm Clint Degabriele kienet ġewwa għax ma rathiex barra. Tgħid li bdiet tibża' tinżel isfel. Mistoqsija tgħid kif taf li marru jiftħulha, tgħid li rat lil Anthony Degabriele diehel u ommha qaltilha li kienu fetħulha. Mistoqsija tgħid jekk meta niżlet isfel intqalx xi diskors, wieġbet li ma semgħet xejn. Tgħid li ħallewha toħroġ il-barra mid-dar tagħhom. Mistoqsija tgħid għala ma marritx dak il-ħin tagħmel ir-rapport lill-Pulizija, wieġbet għax kellha xokk kbir u marret biss meta ġiet f'tagħha. Tixhed li ħuha Mauro Tabone mar ma' ommha u li wara l-incident, Clint beda jibgħatilha l-messaġġi fuq il-*mobile* biex turih it-tifla u biex tagħtih lura l-*mobile* li xtralha. Tgħid li marret tagħmel rapport għax beda jdejjaqha. Mistoqsija tgħid jekk dawn il-messaġġi daħlux fl-istess ġurnata, wieġbet: *"Iva ehe, anke wara kien hemm ħafna messaġġi"* (*a fol.* 19). Tgħid li l-messaġġi kienu l-aktar jikkoncentraw biex turih it-tifla u li ma kienx hemm theddid fil-messaġġi. Tgħid li dan l-incident ġara drabi oħra u mistoqsija

taghti ezempju, tghid li darba minnhom kienet tqila u Clint garalha kaxxa ravjul. Tghid li ma ghamlitx rapport. Tixhed li darba ohra, meta kienet diga twieldet it-tifla, Clint gholla l-platt tal-ghagin u garalha z-zalza fuqha. Tghid: *"darba minnhom wasalt naqra tard m'ghand ommi u mort biex niftah il-bieb u qalli: Ma rridekx, qalli: ghax wasalt tard u ergajt tlajt ghand ommi ghax ma fethaliex"* (*a fol.* 19). Tghid li Clint u hi ghamlu fuq xi sena jghixu flimkien u li qatt ma ghamlet rapporti u li darba minnhom cemplet lill-Pulizija fuq il-*mobile* ghax Clint beda jobzqilha. Tghid li l-imputat Clint ghamel zmien, meta kellha t-tarbija, jobzqilha go wiccha imma ma ghamlitx aktar rapporti. Tghid li Clint ma jarax it-tifla peress li meta kienet tmur turih lit-tifla, Clint kien jaghmel l-abbuz fuqha. Tghid: *"Kien jghajjarni bl-istrech marks, jaqbadli widnejja, jghidli ghax int kerha u pprova jiehu lit-tifla fl-imwarrab u kellna nieqfu u la manteniment ma jaghtini xejn u waqafna hemmhekk"* (*a fol.* 20).

Tghid li z-zewg imputati bdew joffenduha. Tghid: *"Joffenduni b'ommi, b'kemm ghandi, dak il-kliem"* (*a fol.* 21). Tghid li kif semghet hekk hi qaghdet lura. Tghid li meta sehh l-incident *de quo* l-imputat u hi kienu ghadhom johorgu flimkien u li r-relazzjoni bejniethom ma tantx kienet tajba peress li dejjem kien ikun hemm xi glied u ma kienux jaqblu fuq it-tifla.

Mistoqsija dwar incidenti ohra fejn kienet thoss li kienet qed tigi mhedda jew intuzat xi vjolenza kontra taghha, wiegbet: *"Ezempju konna nkunu fil-karrozza kien jghidli ha nwaqqfek u timxiha, darba minnhom kont tqila waqqafni u qalli mxiha, imma ma nziltx minn gol-karrozza ghax kont ghadni tqila, ma flahtx nimxiha sa Wied il-Ghajn"* (*a fol.* 23). Tghid li kienet ghamlet rapport li kien giet mhedda bil-messaggi. Tghid: *"Kien qalli biex nurih lit-tifla, kien qalli biex naghtih il-mobile lura li kien xtrali, imma jiena la kien tahuli ma tajtulux lura"* (*a fol.* 23).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Frar 2015, xehed ukoll **Anthony Busuttil** (*a fol.* 25 *et seq.*) fejn spjega li l-imputat Clint jigi t-tifel ta' ohtu. Mistoqsi jghid x'jaf fir-rigward tal-incident li sehh fis-16 ta' Gunju 2013, jghid li kien il-Hadd ghal xi l-4.00pm meta kien fil-kcina tad-dar tieghu u sema xi hadd jidghi fuq il-bejt u jaghmel dik li huwa jsejjah bhala frattarija. Jghid li meta fetah il-bieb tal-garaxx ra lil

Clint u nies ohra fil-gallarija jharsu lejn fejn kienet it-tfajla ta' Clint fuq il-bejt. Jghid li Clint qallu li t-tfajla tieghu Larissa bdiet tghid li ma setghetx tinzel minn fuq il-bejt. Jixhed li omm Larissa kienet faccata fil-vettura u bdiet tghidilha biex tinzel minn fuq il-bejt. Jghid li lil Clint qallu biex icempel lill-Pulizija halli jigu jnizzluha minn hemmhekk u li f'daqqa wahda Larissa tefghet flixkun tas-sapun mimli u li wara madwar hames minuti Larissa qabdet u nizlet wahidha u qabdet u rikbet ma' ommha u qabel rikbet lil Clint qaltlu li riedet taghmillu vendikazzjoni. Jghid li hadd ma fetah lil Larissa biex tinzel u li hi nizlet wahidha u li fl-ebda hin ma qal lil Clint biex jifthilha u li ma jafx xi bdiet tghid Larissa pero jghid li bdiet tghajjat. Ghad-domanda: *"U qabel ma nizlet Larissa minn fuq il-bejt inti, Clint u huha bqajtu kollha barra l-parapett?"* (*a fol.* 29), wiegeb fl-affermattiv. Jghid li fl-ebda hin ma dahal xi hadd gewwa. Jixhed: *"Qed nghidlek li ohti li tigi omm Clint kienet fil-bieb tal-alluminju fuq gewwa u missieru kien gej minn fejn il-Bella Vista Bazaar qisu xi hundred (100) metres, ghax hemmhekk ghandna l-garaxxijiet qeghdin ahna, kien gej mill-garaxx"* (*a fol.* 29).

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk wara l-incident il-bieb ta' barra kienx miftuh jew maghluq, wiegeb li kien miftuh.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Frar 2015, xehdet ukoll **Eva Maria Tabone** (*a fol.* **3**3 *et seq.*) fejn spjegat li hija omm Larissa. Tiftakar li kienet cemplitilha Larissa ghal xi 4.15-4.30pm u qaltilha li kienet maqfula fuq il-bejt ta' Clint u semmietilha wkoll xi mus. Tghid li meta marret fuq il-post flimkien ma' binha Mauro Tabone rat lil Larissa bit-tifla fuq il-bejt. Tixhed li baqghet fil-vann u kellmet lil Clint u qaltlu biex jifthilha u hu qalilha: *"Ghax ha nghidlek"* (*a fol.* 34) u qaltlu: *"Mhux ha tghidli…."* (*a fol.* 34). Tghid li filwaqt li binha Mauro Tabone baqa' gol-vettura, hi harget mill-vettura wara li bdiet titkellem ma' Clint u tghid li harget biex tara. Tixhed li Clint qalilha li ma kienx ser jifthilha lil Larissa. Tghid li rat lil missier Clint u kif ukoll lil zijuh. Tghid li dan iz-ziju qalilhom biex jifthulha lil Larissa u mbaghad fethulha. Ma tafx min fethilha u tghid li rat lil Larissa niezla. Tixhed li Larissa bdiet tghajjat biex jifthulha u li ma kienx hemm tghajjier u li peress li kienet qed titkellem ma' Clint ma ratx lil bintha tixhet xi haga minn fuq il-bejt ghal isfel. Tghid li meta Larissa nizlet, dahlet fil-vann u telqu.

Tghid li l-imputati ma qalu l-ebda diskors. Tixhed li ghal bidu r-relazzjoni bejn Clint u bintha kienet tajba pero mbaghad bdew jinqalghu hafna intoppi u bdew jiggieldu.

In kontro-ezami mistoqsija tghid jekk hux minnu li Anthony Degabriele ma kienx hemm mal-ewwel pero kien gej minn x'imkien iehor, wiegbet li ma tatx kaz. Tghid li lil Anthony Degabriele ma ratux hiereg mill-bieb ta' barra u li ma tafx minn fejn gie. Mistoqsija tghid fejn ratha lil omm Clint, tghid li ma rathiex.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Frar 2015, xehed **Mario Tabone** (*a fol.* 41 *et seq.*) fejn spjega li hu missier Larissa u li waqt li kien rieqed marret martu tqajjmu fejn qaltlu x'kienet qaltilha Larissa meta cemplitilha. Jghid li meta aktar tard mar fuq il-post ta' Degabriele ra lill-imputati u liz-ziju ta' Clint u meta staqsa ghal bintu qalulu li kienet telqet.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2015, xehed **Mauro Tabone** (*a fol.* 47 *et seq.*) fejn spjega li huwa kien mar flimkien ma' ommu fil-post fejn joqghod Clint Degabriele wara li ohtu Larissa kienet cemplet id-dar. Jghid li habbat il-bieb u fethalu l-imputat Clint. Jghid: *"Rajtha fuq il-bejt, ma kontx naf jekk hux imsakkar il-bieb jew le, ma dhaltx gewwa jien"* (*a fol.* 48). Jghid li Clint hareg ikellem lil ommu u ma jafx x'intqal bejniethom. Jghid li fil-parapett magenbhom kien hemm Anthony Busuttil u missier Clint hareg barra fil-parapett. Jghid li wara xi hin nizlet ohtu u marru lura lejn id-dar.

In kontro-ezami mistoqsi jghid jaqbilx jekk iz-zewg imputati baqghux barra minn mindu hu wasal fuq il-post sakemm nizlet ohtu, wiegeb: *"Wiehed mar ikellem lil omm u l-iehor baqa' barra"* (*a fol.* 50). Jghid li z-zewg imputati baqghu barra. Jghid li ma jafx min fethilha l-bieb lil ohtu. Jixhed li waqt li kien hemm ra landa tas-sapun u hwejjeg li nizlet hdejh. Jghid li ma jafx kif giet pero jghid li ra lil ohtu fuq il-bejt minn fejn giet din il-landa.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2015, xehed ukoll **PS 393 Sean Chetcuti** (*a fol.* 53 *et seq.*) fejn ezebixxa r-rapport li sar fl-20 ta' Gunju 2013. Jghid li r-rapport kien jirrigwarda li Clint Degabriele kien baghat xi messaggi lil Larissa Tabone. Jghid li Larissa riedet biss

taghmel rapport biex jigi mitkellem Clint u riedet tieqaf hemm. Jghid: *"Fil-fatt fil-messaggi ma kien hemm xejn hazin, kull ma kien hemm biss li ried xi mobile lura u xi affarijiet zghar ohra, biss ma kien hemm l-ebda theddid u hekk"* (*a fol.* 53). Jghid li hu ma rax il-messaggi. Jghid li Larissa riedet biss li Clint ihallieha bi kwieta. Jghid li hu (PS 393) kellem lil Clint Degabriele u dan gie mwissi. Mistoqsi jghid x'qallu Clint Degabriele minhabba l-messaggi, wiegeb: *"Iva li kien baghathom hu ovvjament, imma ovvjament ma kien hemm xejn hazin fil-messaggi, theddid jew affarijiet minn dawn ma kienx hemm"* (*a fol.* 54). Jghid li Clint accetta li ma jibghatilhiex aktar. Ezebixxa r-rapport li gie mmarkat bhala Dok. "SC" (*a fol.* 56 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Frar 2016, xehed **PS 1137 Kevin Vella** (*a fol.* 68 *et seq.*) fejn spjega li f'nofs il-lejl ta' bejn is-16 ta' Gunju 2013 u s-17 ta' Gunju 2013 marret Larissa Tabone fejn ghamel rapport rigward dak li qalet li gara aktar kmieni fis-16 ta' Gunju 2013. Ezebixxa r-rapport li gie mmarkat bhala Dok. "KV 1" (*a fol.* 71 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li ma jiftakarx ezatt id-diskors li qaltlu Larissa meta huwa talabha spjegazzjoni ghala kienet marret taghmel rapport f'nofs il-lejl meta l-allegat incident sehh f'xi l-4.40pm.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Frar 2016, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Joseph Busuttil** (*a fol.* 75 *et seq.*) fejn ipprezenta stqarrija rilaxxata miz-zewg imputati u zewg dikjarazzjonijiet rigward rifjut tal-jedd ghal parir legali li gew immarkati bhala Dok. "JB 1" sa "JB 4" (*a fol.* 76 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "JB 1" - *a fol.* 76 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat <u>Anthony Degabriele</u> lill-iSpettur Sylvana Briffa, liema stqarrija giet rilaxxata fil-21 ta' Dicembru 2014 wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa rrinunzja ghal dan id-dritt (Dok. "JB 3" – *a fol.* 83) jghid li min mindu ibnu Clint u Larissa kellhom it-tifla, Larissa ma kienitx, per ezempju, thalli lit-tifel jerfa' t-tifla u ma kienitx tmur id-dar ghandhom biex

turihilhom. Jghid li minkejja li kienu jghidu lil Larissa biex hi u hutha ma joqghodux icemplu wara nofsinhar huma kienu jcemplu xorta wahda. Fir-rigward ta' dak li gara fis-16 ta' Gunju 2013, jghid li gara hekk: *"Dakinhar hija kienet giet id-dar biex turina t-tifla, imma hija x'hin giet qabdet tirrabja ghalxejn, imbaghad telghet fuq tigri, qabdet bott tas-sapun u garatu minn fuq il-bejt ghal isfel. Lili kienet ghajritni u offendietni b'ommi u jien ghidtilha biex taqbizli 'l barra, imbaghad sadanittant giet ommha ghaliha u wara li nizlet minn fuq u l-bieb ta' barra kien miftuh marret tirraporta lill-Pulizija li ahna konna sakkarnieha gewwa imma mhux veru"* (*a fol.* 77). Jichad li l-argument kien inqala' wara li huma kienu qalulha biex ma toqghodx iccempel wara nofsinhar. Jikkonferma li kienu qalulha hekk pero ma kienux irrabjaw maghha. Jghid li Larissa telghet fuq il-bejt biex iccempel lil missierha jew lil ommha biex lilhom (lil Degabriele) ma turihomx. Mistoqsi jghid ghala kellha ghalfejn iccempel lil ommha jew lil missierha, wiegeb: *"Forsi ghax bezghet li konna ha nghajtu maghha"* (*a fol.* 77). Jghid li lil Larissa qalilha biex tohrog il-barra u li jekk kienet ha terga' toffendi lil ommu kienet ser tispicca hazin. Jghid li qalilha biex tohrog bil-kelma t-tajba. Jghid li ma sawwathiex, ma ghajjarhiex u anqas offendieha. Jghid li kien naqra rrabjat talli qaltlu hekk. Jghid li ma jafx ghala Larissa qabdet u telghet il-fuq. Ghad-domanda: *"Nghid sew li inthom ma hallejtuhiex tohrog il-barra u hija ma kellhiex ghazla ohra li titla' fuq il-bejt?"* (*a fol.* 78), wiegeb: *"Telghet fuq ghax riedet hija"* (*a fol.* 78). Ghad-domanda: *"Jekk inthom sakkartu l'bieb ta' barra minn fejn setghet tohrog?"* (*a fol.* 78), wiegeb: *"Ma nafx ghax ahna ftahnielha l'bieb wara"* (*a fol.* 78). Jghid li mhux minnu li sakkruha gewwa. Jghid li fil-hin tal-argument hadd ma qal lil Larissa li ma kienitx ser titlaq mid-dar bit-tarbija. Ghad-domanda jekk kienx it-tifel li ma halliex lil Larissa tohrog mid-dar, jghid: *"Le ahna ghidnilha biex tohrog il-barra"* (*a fol.* 78). Ghad-domanda: *"Nghid sew illi intom ftahtulha l-bieb ta' barra, wara li Anthony Busuttil, li jigi hu l-mara tieghek u li joqghod hdejkom, kien semgha t-twerziq, ghajjat u dagha fuq il-bejt, fejn dan tela' jiccekkja u wara li sar jaf x'gara gie jghidilkom biex tifthulha u thalluha tohrog?"* (*a fol.* 78), wiegeb fl-affermattiv.

Illi, fl-istqarrija (Dok. "JB 2" - *a fol.* 79 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat <u>Clint Degabriele</u> lill-iSpettur Sylvana Briffa, liema stqarrija giet rilaxxata fil-21 ta' Dicembru 2014 wara li l-imputat nghata d-dritt li

jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa rrinunzja ghal dan id-dritt (Dok. "JB 4" – *a fol.* 84) jghid li hu u Larissa qatt ma kellhom relazzjoni stabbli. Jghid li wara li kellhom it-tifla beda l-indhil mill-genituri. Jghid li Larissa riedet tkun tohrog wahidha minghajr it-tifla u hu ma kienx jiehu gost. Jghid li kien ikollu problemi biex jara lit-tifla ghax kien ihoss li l-genituri ta' Larissa jindahlu. Mistoqsi dwar l-incident tas-16 ta' Gunju 2013 jghid li Larissa dakinhar kienet ghandhom u qabel dakinhar kienet ilha ma tmur ghandhom madwar tliet gimghat. Jghid li waqt li kienet id-dar, il-genituri tieghu staqsew lil Larissa ghalfejn ma kienitx qed tmur turihom it-tifla u ommu qaltilha biex ma toqghodx iccempel id-dar wara nofsinhar ghax tkun rieqda. Jghid li Larissa qalet li ma kienitx hi u ssupervjat u missieru qalilha biex ma toqghodx titkellem hazin u qalilha biex fil-kaz titlaq il-barra. Jghid li dak il-hin Larissa qaltlu li ma kienx ser jara lit-tifla aktar u hu qalilha biex lit-tifla thallieha hemm ghax il-genituri tieghu kienu ilhom ma jaraw lit-tifla madwar tliet gimghat. Jghid li Larissa qabdet lit-tifla u bdiet tiela' t-tarag ghal fuq u f'nofs it-tarag bdiet titkellem hazin u offendiet lil missieru b'ommu l-mejta. Jghid li missieru beda jghajjarha kemm hi kiesha u hi telghet fuq fil-*washroom*, sakkret il-bieb u baqghet hemm. Jghid li hu nizel isfel u l-genituri tieghu u hu hargu fil-parapett u kien hemm xi nies ohra barra u hu beda jghidilha biex tinzel minn fuq il-bejt u dak il-hin garat xi flixkun tal-hasil tal-hwejjeg minn fuq ghal isfel. Jghid li minkejja li barra kien hemm omm Larissa u wiehed minn hutha fil-vettura, Larissa xorta ma riditx tinzel ghax bdiet tistenna lil missierha jasal, u li mbaghad qabdet u nizlet wahidha. Jghid li missier Larissa wasal wara li Larissa kienet nizlet u telqet. Jghid li l-ghada baghtu ghalih il-Pulizija. Jghid li hu fl-ebda hin ma ghalaq il-bieb. Jaqbel li l-bieb ta' barra jinghalaq bic-cavetta minn gewwa. Jghid li c-cavetta kienet mal-bieb u hadd ma messha. Ghad-domanda: *"B'liema mod ghidt lil Larissa li ma tistax tohrog mid-dar?"* (*a fol.* 81), wiegeb: *"Ma kontx qed nitkellem bil-mod u ghidtilha biex thalli t-tifla hemm"* (*a fol.* 81). Mistoqsi jghid ghala Larissa telghet fuq il-bejt minflok tohrog mill-bieb ta' barra, wiegeb: *"Ghax jien ghidtilha biex ma tohrogx il-barra u dak il-hin hija bdiet titkellem hazin"* (*a fol.* 81). Mistoqi jghid jaqbilx li Larissa riedet titlaq il-barra u hu ma hallihiex, wiegeb: *"Iva ehe ghidtilha x'igifieri titlaq minn hawn"* (*a fol.* 81). Jichad li missieru pprova jhebb ghal Larissa u hu (Clint) waqqfu. Jghid li missieru

qal lil Larissa biex ma tergax issemmi lil ommu. Mistoqsi jghid x'qalu l-genituri tieghu meta hu ma halliex lil Larissa tohrog il-barra, wiegeb li ma jiftakarx. Jghid li damu ghoxrin minuta jghidu lil Larissa biex tinzel minn fuq il-bejt. Ghad-domanda jekk Larissa ssakkritx gol-*washroom* ghax kienet imbezza' minnu, wiegeb: *"Qas biss missejtha jew hebbejt ghalija jien"* (*a fol.* 81). Jghid li Larissa kienet qisha mbezza' u telghet tigri l-fuq wara li missieru qalilha biex ma tergax issemmi lil ommu ghax hazin ikun ghaliha. Meta Larissa offendiet lil missieru jghid li missieru rreagixxa b'mod irrabjat u kien dak il-hin li telghet tigri fuq. Mistoqsi jghid jekk hux sew li Larissa ma rieditx tinzel minn fuq il-bejt ghax bdiet tibza' minnhom, wiegeb: *"Ifhimni ahna m'heddidnihiex u hija nghalqet hemm fuq biex taghmel l-arja b'missierha"* (*a fol.* 82). Mistoqsi jghid jaqbilx li kien hemm incidenti ohra fejn hu (Clint) hebb ghal Larissa, wiegeb: *"Qatt ma tajtha xi daqqa jew xi affarijiet. Darba kienet bezqitli fl-ikel u jien garajt il-platt u gie fejn saqajha"* (*a fol.* 82). Ghad-domanda: *"Wara dan ir-rapport tal-incident Larissa ghamlet rapport iehor. Taf dwar x'hiex kien dan ir-rapport?"* (*a fol.* 82), wiegeb: *"Naf li kienet ghamlet rapport li jien kont insulentjatha u kienu baghtu ghalija l-Pulizija imma wara dak ir-rapport ma bqajtx f'kuntatt maghha"* (*a fol.* 82).

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza tirrigwarda principalment akkadut li sehh fis-16 ta' Gunju 2013 meta Larissa Tabone hadet lil bintha ta' sena ghand il-genituri ta' Clint Degabriele (missier bintha) sabiex dawn ikunu jistghu jaraw lil din it-tifla. Jirrizulta li Larissa Tabone u Clint Degabriele ghamlu zmien f'relazzjoni li ma spiccatx tajjeb. Jidher li nholoq argument waqt li Larissa Tabone kienet ghand il-genituri ta' Clint Degabriele. Larissa Tabone ssostni li giet imsakkra gewwa ghax Clint qala' c-cwievet li kienu mal-bieb u ma setghetx tohrog.

Illi filwaqt li taht l-ewwel (1) imputazzjoni l-imputati jinsabu akkuzati li ssekwestraw lil Larissa Tabone, taht it-tieni (2) imputazzjoni huma jinsabu akkuzati li kkagunaw biza' lil Larissa Tabone. L-imputat Clint Degabriele biss jinsab akkuzat bit-tielet (3) imputazzjoni li hija dik li ta fastidju lil Larissa Tabone. Il-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati wahda wahda.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**
**(Arrest, Detenzjoni Jew Sekwestru Kontra L-Ligi):**
Illi Larissa Tabone ssostni li wara li l-genituri ta' Clint Degabriele bdew jghajjtu u t-tifla bdiet tibki, hija marret biex tohrog il-barra mill-bieb u Clint qala' c-cwievet li kienu mal-bieb u hi spiccat imsakkra u ma setghetx tohrog. Tabone tiddeskrivi wkoll kif baqghet tiela' fil-*washroom* fuq il-bejt u ssakret fiha bic-cavetta.

Illi l-Qorti tinnota li minkejja li Larissa Tabone tghid li z-ziju ta' Clint, u cioé Anthony Busuttil, qal liz-zewg imputati biex jifthulha u l-imputati Degabriele xorta ma fehtulhiex u minkejja li Eva Maria Tabone (omm Larissa) tixhed li Clint qalilha li ma kienx ser jiftah lil Larissa, da parte tieghu Anthony Busuttil qal li hu fl-ebda hin ma qal lil Clint biex jiftah lil Larissa u jghid ukoll li missier Clint (Anthony) kien gej mill-garaxx. Il-Qorti tinnota wkoll li Eva Maria Tabone ma ratx lil Anthony Degabriele hiereg mill-bieb ta' barra tant li tghid li ma tafx minn fejn gie.

Illi Larissa Tabone tghid ukoll li wara li waslet ommha fuq il-post, rat lil Anthony Degabriele diehel gewwa, nizlet isfel u rikbet fil-vettura ta' ommha wara li ommha qaltilha li kienu fethulha. Pero omm Larissa tghid li ma tafx min fethilha. Da parte tieghu, Anthony Busuttil jghid li fl-ebda hin ma dahal xi hadd gewwa. Dan jikkonfermah ukoll hu Larissa, Mauro Tabone, meta jghid li z-zewg imputati baqghu barra. Anthony Busuttil jghid li hadd ma fetah lil Larissa biex tinzel u li hi nizlet wahidha.

Da parte tieghu, fl-istqarrija tieghu Anthony Degabriele jghid li mhux minnu li Larissa Tabone giet imsakkra gewwa u li mhux minnu li Clint ma halliex lil Larissa tohrog il-barra tant li jghid li qalulha biex tohrog il-barra. Fl-istqarrija tieghu Clint Degabriele filwaqt li jirrikonoxxi li kien qal lil Larissa biex ma tohrogx il-barra, jghid ukoll li qal lil Larissa thalli t-tifla hemm.

Illi meta l-Qorti tiehu dan kollu in konsiderazzjoni tinnota li ma jirrizultax sodisfacentement pruvat li effettivament iz-zewg imputati jew xi hadd minnhom issekwestra lil Larissa Tabone u ma hallihiex tohrog mid-dar. Jirrizultaw diversi inkonsistenzi fid-depozizzjonijiet moghtija mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni

kif indikati hawn fuq li ma jistghu bl-ebda mod iwasslu ghal xi dikjarazzjoni ta' htija fil-konfront ta' xi hadd miz-zewg imputati fir-rigward ta' dak li qed jigu akkuzati bih taht l-ewwel (1) imputazzjoni. Ghaldaqstant, mhijiex ser tinstab htija fl-imputati fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni u b'hekk il-Qorti ser tilliberahom minn tali imputazzjoni.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Biza' li Ser Tintuza Vjolenza)</u>**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputati jinsabu akkuzati li kkagunaw biza' li ser tintuza vjolenza fil-konfront ta' Larissa Tabone u l-familjari taghha.

Illi l-Qorti taghmel taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis**, deciza fl-24 t'April 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Riferenza ghandha ssir ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro**, deciza fis-7 ta' Marzu 2012, u ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna**, deciza fil-21 ta' Frar 2012, liema sentenzi gew moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fid-decizjoni kontra Jeffrey Scicluna, il-Qorti qalet hekk:

> "Biex ikun hemm ħtija taħt l-Artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm *a course of conduct* kif juri l-kliem: *'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'*. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-Artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din *a course of conduct* fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta".

Illi, fid-depozizzjoni taghha, Larissa Tabone filwaqt li fir-rigward ta' Anthony Degabriele taghmel riferenza biss ghal dak li allegatament gara fis-16 ta' Gunju 2013, fir-rigward ta' Clint Degabriele hija taghmel riferenza wkoll ghal okkazzjonijiet ohra.

Larissa Tabone tghid li dakinhar tas-16 ta' Gunju 2013 hija telghet fil-*washroom* peress li Anthony Degabriele pprova jerfa' idejh fuq wiccha u Clint qalilha li jekk kienet ser iccempel lil missierha kien ser jaghtih daqqa ta' mus. Fid-depozizzjoni taghha, Tabone taghmel riferenza ghal meta Clint kien garalha kaxxa ravjul, ghal meta gholla l-platt tal-ghagin u garalha z-zalza fuqha, ghal meta kien jobzqilha u ghal meta kienet tkun fil-vettura ma' Clint u Clint kien jghidilha biex tinzel mill-vettura. Tabone tikkonferma li darba minnhom cemplet l-Ghassa tal-Pulizija ghax Clint kien bezqilha u tghid li ma ghamlitx rapporti fl-Ghassa tal-Pulizija. Ovvjament sar rapport minnha fir-rigward tal-akkadut tas-16 ta' Gunju 2013 mertu tal-proceduri odjerni.

Illi l-Artikolu tal-Ligi, cioé Artikolu 251B(1) jghid hekk: *"li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra"*. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-provi li jirrizultaw mill-atti processwali, il-Qorti tikkonkludi li, fir-rigward taz-zewg imputati, ma giex pruvat il-*course of conduct* li huwa rikjest sabiex jissusisti dan ir-reat. Il-Qorti zzid ukoll li filwaqt li l-istanzi l-ohra msemmija minn Larissa Tabone li jirrigwardaw lil Clint Degabriele u li saru riferenza ghalihom fil-paragrafu precedenti ma jirrizultawx pruvati, il-Qorti mhux ser tidhol fil-kwistjoni jekk dawn jammontawx ghal kagunar ta' biza'. Tenut kont ta' dan kollu, l-imputati mhux ser jinstabu hatja tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghhom u b'hekk ser jigu liberati minnha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Fastidju)</u>**:
Illi huwa biss l-imputat Clint Degabriele li qed jigi akkuzat b'din l-imputazzjoni. Il-Qorti tinnota li fid-decizjoni moghtija fil-21 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mirko Giannetti**, fejn il-Qorti ghamlet riferenza ghall-kawza deciza mill-istess Qorti (diversament preseduta) fis-27 ta' Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini**, nghad hekk:

> "Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Massimo Tivisini** deciz fis-27 ta Frar 2009, intqal dan rigward dan ir-reat:

"Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz 'Harassment') gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- *"Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose"*, dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat *"in isolation"* b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez** [21.6.07]:- *"...f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' zmien"*.

[...]

Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz 'harassment') gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 w inkorporat fl-Artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht ir-raba' imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruhha b'mod dubjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-Artikolu 251C hu provdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata' ('*alarming*') jew idejjaq ('*causing...distress*') lill-persuna.

[...]

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-Artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna (*'alarming the person or causing the person distress"* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew *'harassment'*. Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-Gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jinbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati u delikati".

Din il-Qorti zzid dan li gej. L-Artikolu (251A tal-Kap. 9) huwa msejjes fuq l-ewwel zewg artikoli tal-**Protection of Harassment Act 1997** li jibda bil-kelmiet: *'A person must not pursue a course of conduct'* li fil-ligi taghna hekk: *'Persuna li ggib ruhha'*.

Skont l-**Archbold**: *'Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as 'a course of conduct'*. (**Lau v. DPP** (2000) 1 F.L.R. 799 DC).

*In **Pratt vs. DPP**, 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute where there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased her round the house, swearing and repeatedly questioning her, were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the*

*defendant not to use or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her.*

*Under Section 1(2), the test is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender, such as his mental illness; and the test is Section 1(30(c is even more clearly objective:* ***R v. Colohan****"*.

Illi, skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, sabiex jissussisti r-reat ta' fastidju irid ikun hemm kontinwita' jew ripetizzjoni ta' incident u mhux incident wiehed.

Illi fid-depozizzjoni taghha Larissa Tabone tixhed li wara l-incident tas-16 ta' Gunju 2013, Clint Degabriele beda jibghatilha l-messaggi fuq il-*mobile* biex turih it-tifla u biex taghtih lura l-*mobile* li xtralha. Hija tikkonferma li ghamlet rapport ghax Clint beda jdejjaqha. Apparti dan, a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghall-istanzi li ssemmew fid-depozizzjoni ta' Larissa Tabone u li saru riferenza ghalihom fil-konsiderazzjonijiet tat-tieni (2) imputazzjoni u li jirrigwardaw biss lil Clint Degabriele.

Illi, ghall-istess ragunijiet imsemmija fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni ma jirrizultax il-*course of conduct* rikjest sabiex jissussisti r-reat in ezami u b'hekk l-imputat Clint Degabriele ser jigi liberat mit-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputati m'humiex ser jinstabu hatja taghhom u ser jigu liberati minnhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputati Anthony Degabriele u Clint Degabriele hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u b'hekk tilliberahom minnhom.

Finalment, tenut kont tal-fatt li l-imputati gew liberati mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront taghhom, il-Qorti tichad it-talbiet tal-Prosekuzzjoni kontenuti fic-*charge sheet* sabiex jigu

applikati Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**